30 ta' Ottubru, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Modesta Camilleri et. versus Anna Fava et.

**Liċitazzjoni — Diviżjoni.**

*Għalkemm talba għal-liċitazzjoni soltu ssir billi tiġi mitluba in linea principali d-diviżjoni u, fil-każ li din ma hix possibili, il-liċitazzjoni, dan ma jġibx għall-konsegwenza illi domanda għal-liċitazzjoni biss hija irritwali; għax il-liċitazzjoni ma hix ħlief "modus divisionis", jiġifieri mod biex wieħed joħroġ mill-istat ta' komunjoni. Bil-konsegwenza illi, jekk jiġi pruvat li d-diviżjoni hija possibili, il-Qorti ma tadottax ir-rimedju tal-liċitazzjoni, u tgħaddi biex tordna illi ssir id-diviżjoni in natura.*

*U mhux ta' ostakolu l-fatt li d-diviżjoni ma tkunx ġiet mitluba espressament; għax jibqa' dejjem li, bil-liċitazzjoni li tiġi mitlu-*

*bu, min jaġħżel jari li jrid joħroġ mill-komunjoni. Anzi ġie ritenut fil-ġurisprudenza li d-domanda għad-diviżjoni hija impliċita fid-domanda għal-liċitazzjoni.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress li l-kontendenti jippossjedu in komune, undeċima parti kull wieħed l-attriċi Modesta Camilleri u l-konvenuti Fava u Mifsud u Lorenzo aħwa Camilleri u Giovanna u Antonio aħwa Camilleri bejniethom, il-fondi infraskritti; u peress li dawn il-fondi mhumiex komodament diviżibili bejn il-kontendenti fil-proporzjoni minnhom posseduta; u peress li ma huwiex konvenjenti li l-kontendenti jibqgħu in komune; tal-bu li tiġi awtorizzata l-vendita in liċitazzjoni, u bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei, ta' l-erba' fondi urbani li qegħdin iż-Żejtun, ċjoè (a) il-lok ta' djar nru. 1 Vicolo VI, Strada San Giovanni (b) il-lok ta' djar nru. 9 Strada San Giovanni, (c) il-lok ta' djar nru. 27 Strada San Giovanni, (d) u l-lok ta' djar nru. 10 Vicolo V, Strada San Giovanni; u tiġi ordnata d-diviżjoni tar-rikavat b'mod li tmiss undeċima parti lil kull wieħed mill-kontendenti kif fuq espost; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kuratuti ssollevaw l-eċċezzjoni ta' irritwalità tal-ġudizzju, billi ppretendew li l-atturi kien imisshom jitolbu in linea principali d-diviżjoni, u, fil-każ li dina ma hix possibili, il-liċitazzjoni. Għalkemm soltu hekk isir, dan in-nuqqas ma jwassalx għall-eċċepita irritwalità; għaliex il-liċitazzjoni mhix ħag'oħra ħlief "modus divisionis", jiġifieri mod biex wieħed joħroġ mill-istat ta' komunjoni; bil-konsegwenza li, jekk jiġi pruvat li d-diviżjoni hija possibili, il-Qorti ma tadottax ir-rimedju tal-liċitazzjoni, u tgħaddi biex tordna li ssir id-diviżjoni in natura. Xejn ma jiswa li fil-każ tagħna d-diviżjoni ma ġietx mitluba espressament; għaliex jibqa' dejjem veru li, bil-liċitazzjoni li talbu, l-atturi wrew li jridu joħorġu mill-komunjoni; anzi, f'każ analogu, ġie ritenut li d-domanda għad-diviżjoni kienet impliċita (Kollez. XXXIII—I—329);

*Omissis;*

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-istanza ta' l-atturi hija fondata;

Għal dawn il-motivi;

Ti respinġi l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità tal-ġudizzju, opposta mill-konvenuti kuraturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

U tilqa' t-talba ta' l-atturi, u għall-fini tad-deskrizzjoni u stima ta' l-istabili tinnomina lill-I.Ċ.A. Victor Grech;

*L-ispejjeż jitħallsu* mill-kontendenti skond ir-rispettiva parteċipazzjoni tagħhom fil-fondi in liċitazzjoni.